

Brussell, 24 ta' April 2025  
(OR. en)

8235/25

JAI 491  
SCHENGEN 22  
SCH-EVAL 25  
FRONT 95  
IXIM 79  
MIGR 145  
ASILE 34  
ENFOPOL 121  
COMIX 121  
CORDROGUE 45  
VISA 60  
IS  
LI  
NO  
CH

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 185 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2025

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 185 final.

Mehmuż: COM(2025) 185 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.4.2025  
COM(2025) 185 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2025**

# Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2025

## L-40 anniversarju ta' Schengen



### 1. Schengen bħala assi strateġiku

Iffirmat fl-14 ta' Ġunju 1985, il-Ftehim ta' Schengen immarka l-bidu ta' **era ġdida ta' kooperazzjoni strateġika u integrazzjoni aktar profonda ċċentrata fuq il-libertà u s-sigurtà tal-poplu tiegħu**. Il-viżjoni kienet sempliċi iżda profonda: li tinbena Ewropa fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiċċirkolaw bejn il-fruntieri interni mingħajr ma jiffaċċjaw ostakli, u b'hekk jitravmu t-tkabbir ekonomiku, l-iskambju kulturali u l-koeżjoni soċjali, filwaqt li tissaħħaħ is-sigurtà kollettiva.

Il-ħolqien taż-żona Schengen kien mument deċiżiv fil-proċess biex tinbena **Ewropa** magħquda – **Ewropa għall-poplu tagħha**<sup>1</sup>. Il-Ftehim ta' Schengen ġab benefiċċji tanġibbli l-ewwel nett fir-regġuni tal-fruntiera, li jinsabu fil-qalba tal-proċess ta' integrazzjoni tal-Ewropa, u mbagħad estenda dawn il-benefiċċji madwar il-kontinent. Hekk kif il-proġett ta' Schengen evolva, huwa espanda lil hinn minn sempliċi ftehim għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri. Matul is-snin, Schengen sar sistema reżiljenti u multidimensjonali, ibbażata fuq **ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni, regoli komuni dwar il-viżi, ir-ritorn u l-kooperazzjoni tal-pulizija**, koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali u kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib. Integrat bis-sħiħ fil-qafas tal-UE, huwa kiber kemm bħala ammont ta' membri kif ukoll fl-ambizzjoni, simbolu tal-impenn tal-Ewropa għall-unità, il-libertà u s-sigurtà.

Erba' deċennji wara l-ħolqien tiegħu, Schengen huwa ferm aktar minn sempliċi simbolu ta' mobilità: huwa mezz biex tittejjeb il-ħajja taċ-ċittadini, jiġi ffaċilitat in-negozju u mezz biex tissaħħaħ il-pożizzjoni globali. Illum, Schengen jinsab fil-qalba ta' Ewropa aktar b'saħħitha u aktar sikura, li jiffaċilita l-ħajja ta' kuljum ta' aktar minn 450 miljun Ewropew. Schengen jibqa' **proġett imfassal għall-benefiċċju tan-nies** u evolva wkoll f'**assi strateġiku tal-Unjoni**, bi tliet modi.

L-ewwel nett, bħala faċilitatur essenzjali tas-Suq Uniku, iż-żona Schengen hija **mutur kruċjali tat-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività** u s-sovranità ekonomika tal-Ewropa. F'xenarju dinji dejjem aktar volatili bil-ħolqien mill-ġdid ta' tensjonijiet ġeopolitiċi u kompetizzjoni ġeoekonomika, l-ekonomija Ewropea teħtieġ ambjent mingħajr ostakli biex tiffjorixxi u li tkun anqas esposta għal dipendenzi esterni. Iż-żona Schengen issaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tagħna billi tappoġġa l-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi u tal-persuni. Għandha rwol

<sup>1</sup> Laqgħa tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet ta' Fontainebleau tal-presidenza, Ġunju 1984, [1984 June - fontainebleau\\_eng.pdf](#).

kritiku fiż-żamma u t-tiġħ tal-katini tal-provvista madwar l-Ewropa u fil-konsolidament tas-Suq Uniku, kif enfasizzat fir-rapport Letta<sup>2</sup>.

It-tieni, Schengen huwa **l-aktar rispons b'saħħtu tal-UE għall-isfidi ta' dinja fejn it-theddid ma għadux limitat għall-fruntieri nazzjonali**. Dan jippermettilna nisfruttaw l-għarfien espert u r-riżorsi kollettivi tagħna, filwaqt li nsawru qafas ta' sigurtà li jkun ferm aktar b'saħħtu u aktar effettiv mis-somma tas-sistemi nazzjonali individwali. Schengen jipprovdi sett ta' għodod, riżorsi kollettivi u kapaċitajiet meħtieġa biex jiġi indirizzat it-theddid kumpless u tranżnazzjonali tal-lum għal-libertà u s-sigurtà. Dan it-theddid, kemm jekk minn networks kriminali organizzati jew minn atturi statali jew mhux statali ostili, ma jistax jiġi indirizzat b'mod effettiv minn nazzjonijiet individwali. Fix-xenarju ġeopolitiku u ta' sigurtà tal-lum, Schengen ma għadux sempliċiment benefiċċju, huwa neċessità.

It-tielet, meta atturi ostili jfittxu li jdgħajfu u jifframentaw l-Ewropa, Schengen huwa **forza għall-għaqda, li tqarreb lill-Ewropej lejn xulxin**. Schengen irawwem l-għaqda u jikkontribwixxi għal identità Ewropea ta' għajbi kondiviża. Hija difiża politika integrata ħafna kontra tentattivi biex tinżera' d-diviżjoni u n-nuqqas ta' fiduċja fost l-Ewropej.

Sabiex in-nies ikunu jistgħu igawdu bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet li jirriżultaw mill-*acquis* ta' Schengen, il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri hija kruċjali, u li min-naħa tagħha tiddependi fuq implimentazzjoni effettiva tar-regoli maqbula. Standards komuni għall-indirizzar tal-migrazzjoni illegali, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu jeħtieġ li jiġu osservati b'mod strett, filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tad-drittijiet fundamentali. Mekkaniżmi effettivi ta' infurzar, u sforz ikkoordinat fil-livelli kollha huma essenzjali għal kooperazzjoni sostenibbli fost l-Istati Membri.

Illum, bħal fl-1985, wasal iż-żmien li nergħu nikkonfermaw mill-ġdid il-fiduċja tagħna f'dan il-proġett, filwaqt li nirrikonoxxu li ninsabu f'mument deċiżiv ieħor fl-isforz kontinwu tagħna biex inżommu u nikkonsolidaw Ewropa b'saħħitha u magħqda. **Assi strateġiku jeħtieġ tiġdid u investiment kontinwi**, inkluż fil-livelli politiċi, ta' politika u regolatorji, kif ukoll operazzjonali.

### **L-investiment f'Schengen bħala assi strateġiku l-avanz tal-governanza politika u l-qafas regolatorju taż-żona Schengen**

Il-qafas ta' governanza ta' Schengen jinkludi sett ta' regoli komuni u sistema ta' istituzzjonijiet u proċeduri li jkopru l-politiki u l-miżuri kollha li jirfdu żona Schengen li tiffunzjona tajjeb. Dan jiżgura li ż-żona topera mingħajr xkiel u f'konformità mal-oġettivi ta' politika bbażati fuq il-prinċipji ta' responsabbiltà kondiviża, fiduċja reċiproka u monitoraġġ tar-regoli miftiehma. Hija bbażata fuq koordinazzjoni mill-qrib bejn l-

<sup>2</sup> Much more than a market – Speed, Security, Solidarity. (Ħafna aktar minn suq – Veloċità, Sigurtà, Solidarjetà.) Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens, (Nabilitaw l-is-Suq Uniku biex iġib il-prosperità kif ukoll futur sostenibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE), Enrico Letta – April 2024. [Enrico Letta - Much more than a market \(April 2024\)](#).

awtoritajiet kollha u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u mal-aġenziji rilevanti tal-UE.

Matul iċ-Ċiklu ta' Schengen 2024-2025, il-Barometru ta' Schengen+ ipprova ħarsa ġenerali regolari tal-fatturi ewlenin li għandhom impatt fuq iż-żona Schengen, li jikkonsolida **l-analiżi tas-sitwazzjoni ta' Schengen**. Din l-informazzjoni ttejjeb it-tħejjija u l-iżvilupp tal-politika, pereżempju fejn tidħol il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, il-viża u r-ritorn. Il-Kummissjoni u l-Presidenza Belġjana organizzaw b'mod konġunt sessjoni ta' ħidma mal-pajjiżi ta' Schengen u l-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fl-2024, li ssottolinjat il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-obbligi ta' rapportar, jiġu allinjati d-definizzjonijiet ta' indikaturi ewlenin u jiġi massimizzat l-użu ta' għodod oħra bħall-EUROSUR għall-iskambju ta' informazzjoni. Tmien konklużjonijiet operazzjonali, inkluż l-immappjar tal-oqfsa ta' rapportar u r-riżoluzzjoni ta' lakuni speċifiċi fid-data, se jsawru iċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026. Dan se jtejjeb il-Barometru+ billi jirfinah u jagħmlu għodda ffukata u aktar effettiva għal governanza aħjar.

Sar ukoll progress matul il-Presidenza Belġjana biex jinholq qafas komuni għal aktar koordinazzjoni, kif propost<sup>3</sup> mill-Kummissjoni fl-2024. Inħolqot **Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja ta' Schengen** bħala forum biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tħassib komuni u jitħejjew diskussjonijiet għall-Kunsill ta' Schengen. L-ewwel laqgħa ffukat fuq il-governanza, il-koerenza legali u t-tkabbir. It-tieni laqgħa li saret taħt il-Presidenza Ungeriża enfasizzat il-kooperazzjoni reġjonali bħala alternattiva tanġibbli għall-kontrolli fil-fruntieri interni, it-tiġh tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Dan il-format se jkompli jkollu rwol ewlieni fl-appoġġ tal-koordinazzjoni tal-politika.

Ix-xenarju politiku dinji għaddej minn trasformazzjoni sinifikanti, li tippreżenta kemm **sfidi operazzjonali kif ukoll opportunitajiet**. L-appfondiment u t-twessigħ taż-żona Schengen għandhom għax isaħħu s-saħħa kollettiva tagħna biex nindirizzaw dawn l-isfidi. Huma meħtieġa rikalibrazzjoni strateġika tal-implimentazzjoni tar-regoli u żieda fl-investment f'oqsma bl-akbar impatt fit-tul, li jibdeu **esternament** b'politika b'saħħitha dwar il-viżi u involviment aktar mill-qrib ma' pajjiżi terzi. Fl-istess ħin, irridu nimmaniġġjaw **il-fruntieri esterni** tagħna b'mod effettiv u niffukaw ir-riżorsi, it-tagħmir u t-teknoloġija tagħna fuq iż-żieda tas-sigurtà. Dan se joħloq l-ispazju għal **kooperazzjoni aktar profonda fiż-żona Schengen** biex tingħata spinta lill-azzjoni kollettiva filwaqt li titrawwem integrazzjoni akbar fost in-nies. Fl-aħħar mill-aħħar, iż-żona Schengen mhijiex ġabra ta' partijiet iżolati, iżda sistema koeżiva fejn il-partijiet kollha jaħdmu flimkien biex jappoġġaw l-għanijiet kondiviżi tagħna u jagħtu spinta lir-reżiljenza kollettiva tagħna.

**Ir-rwol ta' monitoraġġ** tal-Kummissjoni ssaħħaħ. Filwaqt li tibni fuq il-progress li sar f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel użu sħiħ miż-żjarat ta' verifika, żjarat mill-ġdid, żjarat mhux imħabbra u għodod oħra ta' infurzar għad-dispożizzjoni tagħha. L-Istati Membri jridu jagħtu prijorità wkoll lill-finanzjament tal-UE biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet identifikati fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà tal-Frontex.

<sup>3</sup> COM/2024/173 final.

Għalhekk, hija ħaġa ta' prijorità li jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jkunu marbuta b'mod strateġiku mar-riformi meħtieġa.

### **L-investiment f'Schengen bħala assi strateġiku l-azzjoni operattiva**

**Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen**, li huwa l-element ċentrali ta' governanza, huwa l-boxxla tas-sistema biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-oqsma għal titjib qabel ma jkunu jistgħu jheddu l-integrità tas-sistema u jiżgura l-bilanċ it-tajjeb tal-miżuri biex tingħalaq kwalunkwe lakuna. Il-fiduċja reċiproka hija fil-qalba ta' Schengen, u l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni jqiegħdha fil-prattika. Il-pajjiżi ta' Schengen mhux biss jiżguraw li s-sistemi tagħhom jaħdmu b'mod effettiv iżda wkoll jappoġġjaw lil xulxin b'mod attiv, filwaqt li jirrikonoxxu li s-suċċess (u l-fallimenti) ta' wieħed għandhom impatt fuq l-istabbiltà u s-sigurtà taż-żona Schengen kollha.

Fl-2024, il-Kummissjoni implimentat il-programm ta' evalwazzjoni annwali li jwassal għar-rapporti tal-pajjiżi ta' Schengen tal-Kroazja, tal-Polonja, tal-Ungerija, taċ-Ċekja u tas-Slovakkja. Il-Kummissjoni mmonitorjat ukoll l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rimedju rrapportati mill-Greċja, l-Irlanda u d-Danimarka. Fi Frar 2024 saru żjarat għal għarrieda fil-konsulati tal-Ġermanja, il-Polonja u Spanja f'Mumbai, l-Indja. Għadd limitat biss ta' nuqqasijiet serji għadhom ma ġewx solvuti miċ-ċiklu ta' evalwazzjoni preċedenti filwaqt li għad hemm għadd sinifikanti ta' kwistjonijiet persistenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

**L-Anness 1** fih aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u **L-Anness 2** jipprovdi l-kompendju tal-aħjar prattiki identifikati fl-evalwazzjonijiet reċenti ta' Schengen.

## **2. Is-sinsla politika ta' Schengen: qafas ta' governanza komuni b'saħħtu**

In-navigazzjoni tal-bidliet ġeopolitiċi u l-implikazzjonijiet għal-libertà u s-sigurtà tibda b'impenn mill-ġdid lejn żewġ prinċipji fundamentali: **responsabbiltà kondiviża u fiduċja reċiproka**. Responsabbiltà kondiviża biex jiġu rispettati d-drittijiet u s-sigurtà tan-nies kollha fiż-żona Schengen. Fiduċja reċiproka fost il-pajjiżi ta' Schengen li kull parti tas-sistema ta' Schengen qiegħda tiġi ġestita b'mod kompetenti u effettiv f'konformità ma' standards komuni għoljin.

It-tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen tal-2024 tenfasizza l-asimmetrija fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ċentrali ta' Schengen. Madwar 65 % tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen għadhom ma ġewx implimentati. Hemm konsegwenzi operazzjonali importanti ta' nuqqasijiet persistenti.

L-azzjoni politika biex jiġġedded l-impenn għar-responsabbiltà kondiviża u l-fiduċja reċiproka trid tkun appoġġata minn azzjoni deċiżiva kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak operazzjonali biex jiġi żgurat li r-regoli ta' Schengen jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv. Dan jeħtieġ qafas robust ta' governanza ta' Schengen b'sorveljanza politika, koordinazzjoni u obbligu ta' rendikont qawwija.

Matul l-aħħar sena, sar progress biex jiġi **kkonsolidat il-qafas ta' governanza**, li kien prijorità ewlenija taċ-Ċiklu ta' Schengen 2024-2025. B'mod partikolari, l-għodod imsaħħa tal-Kummissjoni, inkluż il-Barometru ta' Schengen+ u t-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen għenu biex irawmu, fost il-pajjiżi ta' Schengen, fehim kondiviż ta' kwistjonijiet ewlenin li jeħtieġu azzjoni konġunta, jidentifikaw kwalunkwe lakuna fl-implimentazzjoni u jnaqqsu d-distakk bejn il-livelli tekniċi u politiċi. Dan ippermetta approċċ aktar strateġiku għall-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen.

Jista' jkun hemm opportunitajiet ġodda biex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-koordinazzjoni politika u l-monitoraġġ. Il-Kunsill ta' Schengen, immudellat fuq il-Kumitat Imħallat stabbilit skont il-Ftehimiet Assoċjati ta' Schengen, huwa responsabbli biex jipprovi gwida strateġika dwar il-politiki li għandhom impatt fuq il-funzjonament ta' Schengen. Filwaqt li jikkumplementa l-formazzjoni tal-Kunsill Affarijiet Interni, l-għan tal-Kunsill ta' Schengen huwa li joħloq ambjent miftuħ għal djalogu politiku mill-qrib bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fiż-żona Schengen.

Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' governanza verament jagħti riżultati, hemm bżonn li titrawwem konsapevolezza profonda tad-diffikultajiet fil-prattika, jissaħħaħ l-iskrutinju tal-vulnerabbiltajiet u n-nuqqasijiet persistenti u tittieħed responsabbiltà kollettiva akbar għal soluzzjonijiet effettivi. Huma meħtieġa kooperazzjoni, azzjoni deċiżiva u miżuri speċifiċi biex jingħelbu n-nuqqasijiet persistenti u tinżamm l-integrità tar-regoli maqbula b'mod komuni.

**Iċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026** għandu jipprijoritizza l-koordinazzjoni integrata tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li għandhom impatt strateġiku fuq il-libertà u s-sigurtà f'żona mingħajr fruntieri interni **billi jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-Kunsill ta' Schengen.**

- Il-Kummissjoni se tappoġġa l-isforzi biex tkompli tissaħħaħ is-sorveljanza politika mill-Kunsill ta' Schengen, bil-ħsieb li tiġi żgurata azzjoni aktar koordinata fost l-Istati Membri dwar kwistjonijiet b'impatt dirett fuq il-funzjonament ta' Schengen u biex jiġu ffaċilitati d-diskussjonijiet dwar sfidi komuni.
- Il-ġestjoni ta' kuljum taż-żona Schengen tista' tittejjeb billi jissaħħu aktar l-għodod komuni biex jiġu identifikati u indirizzati malajr u b'mod effettiv il-vulnerabbiltajiet fiż-żona Schengen. Il-Kummissjoni se tiżviluppa t-Tabella ta' Valutazzjoni aggregata ta' Schengen biex tappoġġa aħjar lill-Kunsill ta' Schengen fl-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ewlenin biex jiġu indirizzati l-lakuni u tittieħed azzjoni rapida biex jittaffew ir-riskji emerġenti.

Il-Kummissjoni hija lesta li taħdem mal-Presidenzi attwali u li jmiss biex jintlaħqu dawn l-għanijiet fil-qafas tal-Prijorità 1 għaċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026 kif deskritt fit-Taqsima 5.

Il-ħidma fiċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026 għandha tinkludi wkoll azzjoni biex jissaħħu **s-sistemi ta' governanza nazzjonali ta' Schengen** kemm fil-pajjiżi ta' Schengen kif ukoll fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE. Il-Kummissjoni se torganizza sensiela ta' sessjonijiet

ta' ħidma biex issib qbil dwar standards minimi sabiex l-Istati ta' Schengen ikunu jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ is-sistema ta' Schengen permezz ta' strutturi politiċi u amministrattivi effettivi. Din il-ħidma se tibni fuq l-iżviluppi estensivi u l-istrutturi ta' governanza stabbiliti taħt il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri. Dan l-approċċ se jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet rilevanti kollha.

Kif irrapportat fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen, u filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha stess, il-Kummissjoni tistieden lill-pajjiżi kollha ta' Schengen jinnominaw koordinatur nazzjonali biex jissorvelja l-kwistjonijiet kollha li għandhom impatt fuq il-funzjonament ta' Schengen, filwaqt li jiżgura allokkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kollha kkonċernati.

Skont is-segwitu għall-evalwazzjoni tematika tal-2019-2020 tal-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri<sup>4</sup>, il-pajjiżi kollha ta' Schengen bdew proċessi nazzjonali biex jirvedu l-istrateġiji tagħhom. Sa tmiem l-2024, 12-il pajjiż ta' Schengen kienu adottaw formalment l-istrateġiji riveduti u tmienja kienu fil-proċess ta' adożzjoni. Ir-riżultati juru tiġib notevoli, inklużi oqfsa ta' governanza aktar b'saħħithom u integrazzjoni aħjar tal-proċeduri ta' ritorn fl-istrateġiji nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ta' Schengen urew progress fl-allinjament tal-istrateġiji tagħhom mal-prijoritajiet tal-UE, li jirriflettu l-avvanzi fl-analiżi tar-riskju, l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kooperazzjoni mal-UE.

Madankollu, għad hemm lakuni sinifikanti fl-ippjanar tar-riżorsi umani, fil-koordinazzjoni bejn l-aġenziji u fl-arranġamenti finanzjarji. Huma biss ftit il-pajjiżi ta' Schengen li jorbtu b'suċċess l-istrateġiji tagħhom mal-pjanijiet ta' azzjoni, l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-oqfsa ta' finanzjament. L-istrateġiji nazzjonali għadhom ma jintegrawx bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-salvagwardji u t-taħriġ tad-drittijiet fundamentali. Fl-istess ħin, l-obbligi relatati mal-proċedura ta' skrinjar stabbilita fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, jeħtieġ li jiġu integrati u allinjati b'mod effettiv mas-sistema integrata usa' ta' ġestjoni tal-fruntieri. L-investment fis-sistema ta' governanza għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri se jipprovdi pedament sod għall-bini ta' oqfsa ta' governanza nazzjonali robusti ta' Schengen.

### **3. Is-sinsla tal-politika u dik regulatorja: Schengen usa' u aktar profond**

#### **3.1. Żona Schengen usa'**

Fuq perjodu ta' 40 sena, Schengen evolva minn inizjattiva reġjonali fost ftit Stati Membri tal-UE fi proġett verament Ewropew<sup>5</sup>. Iż-żona Schengen ġiet estiża disa' darbiet biex tinħoloq dik li llum hija l-akbar żona ta' moviment liberu fid-dinja mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-17.12.2020 li tistabilixxi r-rapport tal-evalwazzjoni tematika tal-2019 - 2020 tal-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri. C(2020) 8000 final.

<sup>5</sup> Il-Protokoll 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea japplika għal 30 pajjiż. Il-kontrolli fil-fruntieri interni tneħħew bejn 29 pajjiż parteċipant.

**Il-Bulgarija u r-Rumanija** ġew integrati bis-sħiġ fiż-żona Schengen fl-1 ta' Jannar 2025. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2024<sup>6</sup>, wara d-deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Diċembru 2023<sup>7</sup> dwar l-istess kwistjoni, immarkat it-tlestija ta' proċess ta' 18-il sena minn meta ż-żewġ pajjiżi saru Stati ta' Schengen wara l-adeżjoni tagħhom mal-UE. Billi jissieħbu bis-sħiġ fiż-żona Schengen, il-Bulgarija u r-Rumanija huma mistennija jiffrankaw biljuni ta' euro meta wieħed iqis li bil-fruntieri interni li kienu għadhom fis-seħħ, il-kumpaniji li joperaw f'dawn iż-żewġ pajjiżi kienu stmati li jħallsu biljuni kull sena bħala riżultat ta' żieda fil-kostijiet tal-loġistika, dewmien li kellu impatt fuq il-kunsinni ta' oġġetti u tagħmir, u żieda fil-kostijiet għall-fjuwil u għas-sewwieqa<sup>8</sup>.

**Ċipru** qed jaħdem biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet ta' Schengen<sup>9</sup> u l-ewwel evalwazzjoni tiegħu ta' Schengen għadha għaddeja. Il-Kummissjoni tappoġġa lil Ċipru fil-proċess tiegħu għal integrazzjoni aktar profonda fis-sistema ta' Schengen.

**L-Irlanda** hija eżentata b'mod uniku milli tipparteċipa fid-dispożizzjonijiet kollha tal-ġabra ta' regoli ta' Schengen<sup>10</sup>. Minħabba l-benefiċċji għall-Irlanda u għaż-żona Schengen kollha kemm hi, u wara li ġiet awtorizzata mill-Kunsill biex tipparteċipa f'ċerti oqsma<sup>11</sup> bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kif ukoll fil-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, bħalissa għaddej segwitu għall-evalwazzjoni tagħha ta' Schengen<sup>12</sup>. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni toħroġ ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' Schengen<sup>13</sup> għall-Irlanda fl-2025. Jekk ikun pożittiv, dan jippermetti lill-Kunsill jimplimenta dawn id-dispożizzjonijiet<sup>14</sup> fl-Irlanda, li jwassal għal aktar kooperazzjoni ta' Schengen.

Hekk kif **l-UE qed tħejji għal aktar tkabbir**, b'diversi pajjiżi kandidati javvanzaw fin-negożjati tal-adeżjoni tagħhom, iż-żona Schengen hija mistennija wkoll li tespandi għal dawk

---

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3212 tat-12 ta' Diċembru 2024 li tistabbilixxi d-data għat-tneħħija tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni fuq l-art ma' u bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 3212, 23.12.2024).

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/210 tat-30 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni shiġha tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 120, 4.1.2024).

<sup>8</sup> The cost of non-Schengen for the single market – impact on Bulgaria and Romania, (Il-kost għas-suq komuni għal min mhux f'Schengen – l-impatt fuq il-Bulgarija u r-Rumanija), rapport fuq inizzjattiva proprja, Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, INT 1046, 1-4 ta' Diċembru 2024.

<sup>9</sup> Dokumenti tal-Kunsill: 5535/21, 10403/22, 12636/21, 12638/21, 12639/21, 11237/24.

<sup>10</sup> L-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen

<sup>12</sup> Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745, iż-żjarat ta' evalwazzjoni relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen twettqu fl-2021 skont l-ewwel evalwazzjoni ta' Schengen tal-Irlanda. Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-progress li sar mill-Irlanda, saret żjara ta' verifika bejn l-25 u d-29 ta' Novembru 2024 f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) 2022/922. Filwaqt li ġie osservat progress, l-Irlanda għad trid tieħu aktar miżuri biex timplimenta l-miżuri ta' rimedju pendenti. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

<sup>13</sup> Li tkopri l-valutazzjoni mit-tim ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni mill-Irlanda tar-rekwiżiti dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni dwar id-drogi u l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen

il-pajjiżi peress li huma meħtieġa jaċċettaw u jimplimentaw il-ġabra ta' regoli ta' Schengen mill-jum tal-adeżjoni tagħhom mal-UE. Se jkun meħtieġ qafas trasparenti, effiċjenti u effettiv ġdid għall-ammissjoni fiż-żona Schengen biex jiġu indirizzati l-komplessitajiet tal-espansjoni ta' dik iż-żona u biex jiġi żgurat proċess ta' integrazzjoni mħejji tajjeb. Filwaqt li jibni fuq it-tagħlimiet mill-aħħar tkabbir ta' Schengen, il-qafas jeħtieġ li jipprovdi proċess prevedibbli u ġust li jippermetti lil pajjiżi ġodda jibbenefikaw progressivament mill-parteciċipazzjoni ta' Schengen, u, fl-aħħar mill-aħħar, ineħħu l-kontrolli fil-fruntieri interni bħala l-aħħar stadju importanti.

Dan il-proċess jeħtieġ monitoraġġ rigoruż fl-istadji kollha biex jiġi żgurat li l-pajjiżi l-ġodda ta' Schengen kontinwament jissodisfaw l-istandards għoljin applikati mill-pajjiżi eżistenti fl-oqsma kollha meħtieġa biex fl-aħħar mill-aħħar jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni. Bħala l-ewwel pass, matul in-negozjati tal-adeżjoni, dawn il-pajjiżi jridu jkomplu jaħdmu biex jistabbilixxu l-istandards legali, ta' governanza u operazzjonali meħtieġa biex is-sistema ta' Schengen tiġi ankrata f'qafas ta' governanza nazzjonali li jiffunzjona bis-sħiħ sakemm jissieħbu fl-UE. Dan jeħtieġ thejjiġa robusta, inkluża l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni ta' Schengen, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE<sup>15</sup>.

### 3.2. L-approfondiment ta' Schengen biex ikun adatt għall-era diġitali

L-UE bħalissa qed tittrasforma l-mod kif titħaddem il-ġestjoni tal-fruntieri, u qed titbiegħed minn sistema ta' kontrolli fil-biċċa l-kbira fiżiċi fil-fruntieri lejn sistema tal-fruntieri aktar moderna u diġitali. Huwa meħtieġ li titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-qafas ta' Schengen biex tissaħħaħ is-sigurtà għaċ-ċittadini, jissaħħu l-fruntieri esterni, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, u jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar *bona fide* lejn iż-żona Schengen u l-libertà li wieħed jivvjaġġa liberament fi ħdan iż-żona Schengen, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-istandards tas-sigurtà.

Bħala parti mill-isforzi biex iż-żona Schengen issir l-istandard ta' referenza madwar id-dinja biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar bla xkiel u sigur, ir-regoli l-ġodda<sup>16</sup> li jirregolaw l-użu effiċjenti tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar (“informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri”) mill-awtoritajiet tal-fruntieri u tal-infurzar tal-liġi daħlu fis-seħħ f'Jannar 2025. Dan huwa pass importanti lejn iż-żieda tas-sigurtà mingħajr ma tiġi kompromessa l-esperjenza tal-ivvjaġġar, filwaqt li jiġu rispettati l-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-privatezza. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li fl-2025 tniedi evalwazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-użu tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri biex tanalizza l-effettività u l-effiċjenza tagħha.

Id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri fil-fruntiera esterna tal-UE hija element ewlieni biex jiġu indirizzati r-riskji għas-sigurtà. F'Diċembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li tistabbilixxi l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-**Sistema ta' Dħul/Ħruġ**. Din il-proposta tippermetti lill-pajjiżi ta' Schengen jużaw gradwalment is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ bejn il-fruntieri esterni tagħhom fuq perjodu ta' sitt xhur, u b'hekk tipprovdihom u lill-eu-LISA

<sup>15</sup> Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE tat-30.10.2024, COM(2024) 690 final.

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2025/817 u r-Regolament (UE) 2025/13.

flessibilità u għodod biex jindirizzaw l-isfidi li fadal qabel l-introduzzjoni sħiħa tas-sistema. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlaturi biex jiżguraw negozjati rapidi u adożzjoni rapida tal-proposta. It-tnejniet għall-introduzzjoni tas-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar** iridu jiġu konklużi malajr peress li għadd ta' pajjiżi ta' Schengen jiffaċċjaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa.

Il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-eu-LISA, biex jiżguraw li dawn l-innovazzjonijiet ewlenin ikunu kompletament operazzjonali u jsegwu l-iskeda ta' żmien il-ġdida<sup>17</sup> maqbulha mill-Kunsill ta' Schengen f'Marzu 2025.

Filwaqt li dawn is-sistemi se jtejjbu b'mod sinifikanti s-sigurtà u l-effiċjenza tal-ivvjaġġar, il-proposta tal-Kummissjoni dwar **id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar**, ippreżentata f'Ottubru 2024<sup>18</sup>, hija parti minn impenn usa' għall-innovazzjoni diġitali għall-benefiċċju tal-vjaġġaturi. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li jiġi stabbilit standard komuni għad-dokumenti tal-ivvjaġġar diġitali u li tiddaħħal applikazzjoni mobbli fl-UE kollha biex tgħin fis-simplifikazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri u tirriżulta f'esperjenza tal-ivvjaġġar bla xkiel għall-vjaġġaturi kollha. Għaddejnin negozjati mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex din l-ambizzjoni ssir realtà. Għaddejja wkoll ħidma biex jiġu mmodernizzati l-proċeduri tal-viża biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibbenefikaw ukoll minn proċedura tal-viża aktar effiċjenti u siguri. Wara l-proposta mill-Kummissjoni dwar il-viżi diġitali, il-proċeduri leġiżlattivi ġew konklużi bl-adożzjoni fl-2023. L-atti ta' implimentazzjoni relatati bħalissa qed jiġu rieżaminati u l-għan huwa li tibda tiġi żviluppata l-pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża fl-2026 għall-bidu tal-operat tal-pjattaforma u l-introduzzjoni tal-viża diġitali fl-2028.

Hekk kif il-bidliet soċjali u teknoloġiċi qed jimxu b'ħeffa bla preċedent – ħaġa li ma kinitx immaġinabbli meta nħolqot għall-ewwel darba ż-żona Schengen – iż-żona Schengen trid tadatta biex tibqa' fuq quddiem. **It-teknoloġiji emerġenti u s-soluzzjonijiet diġitali** se jkunu kruċjali fit-trasformazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri u fl-iffaċilitar tad-detezzjoni bikrija tat-theċdid. L-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp għal teknoloġiji futuri Ewropej tal-ġestjoni tal-fruntieri u tas-sigurtà għandhom ikompli jipproteġu ż-żona Schengen bl-użu ta' soluzzjonijiet Ewropej tal-ogħla livell fil-futur. Dan jirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet aktar mill-qrib, inkluż ma' pajjiżi assoċjati ma' Schengen u ma' partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati, bħal riċerkaturi, intraprendituri, kumpaniji innovattivi jew organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija. Din il-ħidma trid tiġi kkomplementata bi **tħejjija** akbar permezz ta' sistemi avvanzati ta' detezzjoni tat-theċdid, monitoraġġ kontinwu tal-infrastruttura kritika u billi jiġu stabbiliti protokollu ta'

<sup>17</sup> Skont l-iskeda ta' żmien riveduta, l-introduzzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ se tkun progressiva, u se tibda f'Ottubru 2025. Is-Sistema Ewropea ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar se titnieda fl-aħħar kwart tal-2026.

<sup>18</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' data tal-ivvjaġġar ("applikazzjoni tal-Ivvjaġġar Diġitali tal-UE") u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali (COM/2024/670 final); Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali bbażati fuq il-karti tal-identità (COM(2024) 671 final).

rispons f'ħin reali. Dawn il-miżuri huma meħtieġa għall-ġestjoni tat-theddida dejjem akbar ta' ksur taċ-ċibersigurtà, inkluż fl-aġenziji tal-UE u fis-sistemi tad-data relatati mal-fruntieri.

### 3.3. L-approfondiment ta' Schengen biex jiġi adattat għax-xenarju tas-sigurtà dejjem jevolvi

Fl-1 ta' April 2025, il-Kummissjoni adottat **ProtectEU: strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna ġdida**, li tistabbilixxi l-ħidma biex jissaħħa l-apparat tas-sigurtà tal-UE fis-snin li ġejjin u biex il-konsiderazzjonijiet tas-sigurtà jiġu integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE. Jeħtieġ li jsiru sforzi simili fil-livell nazzjonali peress li l-evalwazzjonijiet ta' Schengen tal-2024 żvelaw distakk persistenti fl-approċċ strateġiku lejn is-sigurtà interna. L-awtoritajiet nazzjonali għadhom joperaw f'silos, jimplimentaw miżuri *ad hoc* u ma għandhomx approċċ Ewropew komprensiv. Dan ifixkel lill-pajjiżi ta' Schengen milli jidentifikaw il-prijoritajiet nazzjonali, milli jkollhom ippjanar strateġiku tal-kapaċitajiet u milli jfasslu miżuri transfruntiera u komplementari fil-livelli kollha (nazzjonali, reġjonali u lokali). Il-garanzija tas-sigurtà interna f'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni għalhekk teħtieġ approċċ li jrawwem kooperazzjoni aktar profonda u aktar strutturata fost l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u fil-livell Ewropew, inkluż fir-rigward tal-governanza.

Kif imħabbar fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, biex tappoġġa d-diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-Kunsill dwar l-isfidi tas-sigurtà interna li qed jevolvu u l-iskambju dwar prijoritajiet ta' politika ewlenin, il-Kummissjoni se tiżviluppa u tippreżenta analiżi regolari tat-theddid għall-isfidi tas-sigurtà interna tal-UE. Biex tiġi appoġġata l-ħidma usa' fuq għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni, huwa essenzjali li l-Istati Membri jtejjbu l-kondiviżjoni tal-intelligence mal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC, Single Intelligence Analysis Capacity) u jiżguraw kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni mal-aġenziji u l-korpi tal-UE.

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà li qed jevolvu b'mod aktar koordinat, koerenti u effettiv, **il-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera fl-infurzar tal-liġi** hija kruċjali. Ir-restrizzjonijiet legali u ġurisdizzjonali persistenti, identifikati fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-2024 tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi<sup>19</sup>, għadhom qegħdin ifixklu l-kooperazzjoni operazzjonali effettiva fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Kif imħabbar fl-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Interna<sup>20</sup>, il-Kummissjoni se taħdem biex toħloq Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi biex tiżviluppa viżjoni strateġika kondiviża u ttipponi soluzzjonijiet tanġibbli biex jitnaqqsu l-lakuni legali, jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni, u jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna fiż-żona Schengen kollha.

Waħda mill-isfidi quddiem l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi hija li **jiġi żgurat aċċess għad-data skont il-liġi**. Il-kisba ta' bilanċ bejn is-sigurtà u l-privatezza hija essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati kemm il-libertà kif ukoll is-sikurezza. Filwaqt li tibni fuq ir-

<sup>19</sup> Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, assessment of the effect given by the Member States to Council Recommendation (EU) 2022/915 of 9 June 2022 on operational law enforcement cooperation (valutazzjoni tal-effett mogħti mill-Istati Membri lir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi). SWD(2025) 36 final tal-31.1.2025.

<sup>20</sup> COM(2025) 148 final.

rakkomandazzjonijiet adottati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Access għad-Data għall-Infurzar tal-Liġi f'Mejju 2024 u kif imħabbar fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, fl-ewwel nofs tal-2025 il-Kummissjoni se tippreżenta pjan direzzjonali li jstabilixxi l-miżuri legali u prattiċi li ttipponi li tieħu biex tiżgura aċċess legali u effettiv għad-data.

Fl-aħħar nett, hemm bżonn li jiġi aġġornat il-qafas legali **għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti**. Il-Kummissjoni tteġġeg lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw malajr in-negozjati biex isaħħu r-rwol tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti<sup>21</sup>. Sadanittant, se tkompli l-ħidma biex jiġu aġġornati l-għodod diġà disponibbli. F'Jannar 2025, il-Kummissjoni appoġġat it-tnejja ta' network professjonali ta' investigaturi tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti online, ġestit miċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti tal-Europol u l-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE. Dan in-network se jgħin biex jostakola l-gruppi kriminali li joperaw online. It-tieni Konferenza Internazzjonali dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti se tivvaluta l-progress u se tixpruna azzjoni ulterjuri li tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-ħidma tal-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti.

Ġew implimentati inizjattivi simili b'rispons għat-**traffikar tad-droga**, li jiffukaw fuq is-sensibilizzazzjoni dwar il-fatturi li jixprunaw din it-teddida li qed tikber. Il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kienet kruċjali biex jiġi indirizzat l-użu ħażin tat-trasport kummerċjali, kif promoss permezz tal-Alleanza Ewropea tal-Portijiet. L-inizjattiva se tikkontribwixxi għall-Istrateġija tal-Portijiet tal-UE li qiegħda titfassal u li l-Kummissjoni qed tippjana li tadotta fl-2025, u kif imħabbar fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, se tiġi estiża biex tinkludi portijiet iżgħar u interni.

#### **4. Is-sinsla politika ta' Schengen: l-implimentazzjoni**

Il-veru suċċess ta' Schengen jiddependi fundamentalment fuq li s-sistema tiġi implimentata b'mod effettiv mill-eluf ta' awtoritajiet li joperaw fuq il-post, inklużi diversi aġenziji tal-UE. Ikun biss permezz ta' azzjoni konsistenti, ta' kwalità għolja u kkoordinata li l-impjenji ta' politika jistgħu jissarrfu f'realtà prattika. Il-qafas operazzjonali ta' Schengen huwa appoġġat mill-gwardji tal-fruntieri, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u huwa essenzjali biex il-viżjoni ambizzjuża ta' Schengen issir assi strateġiku reali. L-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen tal-2024 żvelaw li, filwaqt li l-pedamenti ta' Schengen għadhom robusti, għad hemm ċerti lakuni persistenti f'oqsma kritiċi. Dawn jeħtieġu azzjoni ta' segwitu mmirata biex jiġi evitat li daww in-nuqqasijiet jimminaw l-integrità u s-sigurtà ġenerali taż-żona Schengen.

---

<sup>21</sup> Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, u dwar it-tisħiħ tal-appoġġ tal-Europol għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra tali reati u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (COM/2023/754 final). Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tisabbi llixi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI (COM/2023/755 final).

#### 4.1. It-tisħiħ tat-tħejjija lil hinn sew mill-fruntieri tagħna

Huma ċ-ċittadini Ewropej li fuq kolloxx jibbenefikaw minn Schengen, hekk kif tiġi ffaċilita l-libertà li wieħed jiċċirkola madwar iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Dawn il-benefiċċji jgawdu minnhom ukoll għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fit-territorju ta' pajjiż ta' Schengen.

Fl-2024, l-għadd totali ta' vjaġġaturi *bona fide* regolari – li jfisser li daħlu jew b'viża ta' Schengen jew kienu eliġibbli għal vjaġġar mingħajr viża – qabeż in-nofs biljun<sup>22</sup>. Fil-każ ta' soġġorni qosra, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jaċċessaw iż-żona Schengen permezz ta' **sistema** unifikata tal-**viża ta' Schengen**, sakemm ma jkunux eliġibbli għall-ivvjaġġar mingħajr viża<sup>23</sup>. Din is-sistema, flimkien mas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar li għandha tiġi implimentata fl-2026, tiżgura proċeduri standardizzati ta' kontroll fil-fruntieri, sigurtà u dħul għal soġġorni qosra fil-pajjiżi kollha ta' Schengen, filwaqt li ttejjeb il-konsistenza u l-effiċjenza fil-ġestjoni kemm tal-mobbiltà interna kif ukoll tad-dħul u l-ħruġ estern. Hija l-ewwel linja ta' difiża tagħna.

Il-livell ta' implimentazzjoni tar-regoli komuni dwar il-viżi huwa għoli kif ivvalutat fl-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen tal-2024. Diversi pajjiżi ta' Schengen indirizzaw malajr in-nuqqasijiet relatati mal-effiċjenza tal-fluss tax-xogħol fil-konsulati li jipproċessaw il-viżi ta' Schengen jew relatati mas-sistema tal-IT tagħhom għall-ipproċessar tal-viża. Madankollu, għad hemm bżonn ta' ċertu titjib fil-pajjiżi li jipproċessaw l-ogħla volumi ta' viżi ta' Schengen għal soġġorn qasir bil-ħsieb li jiġu ġestiti b'mod effettiv għadd kbir ta' applikazzjonijiet.

Il-pajjiżi madwar id-dinja jirrikonoxxu l-benefiċċji sostanzjali tad-drittijiet u l-libertajiet assoċjati ma' Schengen, li huma ċentrali għall-konnettività u l-kooperazzjoni globali. L-UE trid tkompli tippromwovi **standards globali għoljin** dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-iskambju ta' informazzjoni, bi protezzjoni qawwija tad-drittijiet fundamentali.

Għall-quddiem, l-appfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu jrid jiġi b'impenn inekwivoku biex jintlaħqu l-istandards għoljin u l-valuri kondiviżi tagħna. Pajjiżi terzi li huma eliġibbli għal aċċess mingħajr viża jew relazzjonijiet privileġġati ma' Schengen għandhom mhux biss igawdu l-benefiċċji iżda wkoll iżommu ma' dawn l-impenji fundamentali. Dan jeħtieġ monitoraġġ u responsabbiltà aktar qawwija. **L-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni dwar il-viżi**, li għandha tiġi adottata aktar tard fl-2025, se tesplora r-rwol tal-politika dwar il-viżi bħala xprun għall-kompetittività, bħala ingranaġġ biex tissaħħaħ is-sigurtà interna tal-UE u biex ttejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż dwar ir-riammissjoni. L-

<sup>22</sup> Schengen Barometer+ ta' Marzu 2025.

<sup>23</sup> Wara valutazzjoni każ b'każ biex jiġi ddeterminat jekk pajjiżi terzi jissodisfawx l-istandards għoljin ta' Schengen, l-UE bħalissa għandha reġim mingħajr viża fis-seħħ ma' 61 pajjiż mhux tal-UE, żewġ reġjuni amministrattivi speċjali taċ-Ċina (Hong Kong u l-Makaw) u awtorità territorjali waħda li mhijiex rikonoxxuta bħala stat minn tal-anqas Stat Membru wieħed tal-UE (it-Tajwan). Skont dan ir-reġim, ċittadini mhux tal-UE b'passaport bijometriku jistgħu jidhru fiż-żona Schengen għal soġġorni qosra mingħajr ma jkollhom bżonn viża. Il-prinċipju tar-reċiproċità tal-viża japplika biex iċ-ċittadini tal-UE jkun jistgħu jivvjaġġaw lejn dawk il-pajjiżi li mhumiex fl-UE.

istrateġija se tikkunsidra wkoll miżuri li jiffaċilitaw il-wasla tal-aqwa studenti, riċerkaturi u hađdiema mħarrġa minn pajjiżi terzi b'appoġġ għall-Unjoni tal-Ħiliet<sup>24</sup>.

It-trawwim ta' koeżjoni u integrazzjoni akbar mal-**pajjiżi kandidati tal-UE**, huwa opportunità biex jinqas l-esperjenzi u jiġu estenzi l-valuri u l-istandards ewlenin għall-ġirien tagħna. F'dawn l-aħħar snin, il-Frontex saħħet l-appoġġ tagħha għall-pajjiżi kandidati. L-UE nnegozjat ftehimiet dwar l-istatus mal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja<sup>25</sup>. Fl-2024, il-preżenza tal-Frontex ġiet estiża għall-fruntiera bejn il-Montenegro u l-Albanija. Dawn il-ftehimiet jistendju linja ta' ġestjoni tal-fruntieri ta' importanza kritika lil hinn mill-fruntieri esterni tal-UE stess, u jgħinu biex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali qabel ma jaslu fl-UE.

Fl-2024, il-pajjiżi kandidati hađu passi biex jallinjaw mar-rekwiżiti ta' Schengen, inkluża azzjoni biex jissalvagwardjaw standards għoljin ta' ġestjoni tal-fruntieri, jallinjaw il-politiki dwar il-viżi, jiġġieldu l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u t-theddid ibridu, u biex joħolqu kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent<sup>26</sup> wassal għal progress konkret fil-ġestjoni tal-migrazzjoni. Madankollu, il-progress għadu irregolari u hija meħtieġa aktar azzjoni dwar l-allinjament tal-viża u dwar il-bini ta' qafas ta' governanza nazzjonali ta' Schengen. Il-Montenegro u s-Serbja hađu passi pożittivi biex jaħdmu lejn l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni ta' Schengen. Il-Kummissjoni qed tissorvelja mill-qrib il-pajjiżi kandidati kollha tal-UE. L-awtoritajiet fil-pajjiżi kandidati se jiġu integrati progressivament fl-attivitajiet relatati ma' Schengen, inkluż l-involviment tagħhom f'attivitajiet ta' taħriġ u monitoraġġ.

It-tkabbir ifisser ukoll it-tnejn għal sfidi ġeopolitiċi ġodda għall-ġestjoni tal-fruntieri u t-theddid għas-sigurtà. Il-Kummissjoni se tipprijoritizza din il-ħidma fir-rieżami tal-politika tagħha, filwaqt li tiffoka fuq il-bini ta' sistema dinamika li tkun mgħammra bis-sħiħ biex tiffaċċja l-ħtiġijiet u l-konfigurazzjonijiet futuri.

**Il-pajjiżi sħab** ifittxu li japprofondixxu r-rabtiet tagħhom mal-Istati Membri fiż-żona Schengen bl-għan li joħolqu relazzjoni privileġġata dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà, b'benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini tagħhom u kuntatti eqreb bejn il-persuni permezz ta' vjaġġar *bona fide* ffaċilitat u migrazzjoni legali. Il-Frontex bħalissa qed tinnegozja arranġamenti ta' ħidma ma' kważi 20 pajjiż terz<sup>27</sup>, li jistgħu jkopru l-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz tal-EUROSUR u l-arranġamenti tal-analiżi tar-riskju. Biex tissaħħaħ aktar is-sigurtà taż-żona Schengen, l-Europol u l-Istati Membri tal-UE żiedu l-ħidma f'dawn l-aħħar snin biex itejbu t-trażmissjoni

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet. COM(2025) 90 final tal-5 ta' Marzu 2025.

<sup>25</sup> Filwaqt li l-ftehim dwar l-istatus mal-Bożnija-Herzegovina qed jiġi ffinalizzat, il-ftehimiet mal-Albanija, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja kollha ġew iffirmati u l-operazzjonijiet konġunti għadhom għaddejjin.

<sup>26</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent - Il-Kummissjoni Ewropea.

<sup>27</sup> L-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, Cabo Verde, il-Kanada, il-Gambja, il-Ġordan, il-Kosovo, il-Libanu, il-Mauritania, il-Moldova, il-Montenegro, il-Marokk, in-Niġer, in-Niġerja, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Senegal, is-Serbja, l-Istati Uniti tal-Amerka, u l-Ukrajna.

u l-ipproċessar ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi ewlenin<sup>28</sup>. Dan l-approċċ jassigura li d-data rilevanti, b'mod partikolari dwar suspettati terroristiċi, tiġi pproċessata u kondiviża b'mod effiċjenti biex tgħin fl-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE.

Il-Kummissjoni tilqa' l-finalizzazzjoni b'suċċess tan-negozjati għal ftehimiet bejn l-UE u, rispettivament l-Iżlanda u n-Norveġja li jkopru l-użu tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri. Ir-regoli mhumiex formalment parti mill-qafas legali ta' Schengen, iżda ladarba jidħlu fis-seħħ, se jippermettu lil dawn il-pajjiżi ta' Schengen jittrasferixxu u jipproċessaw din it-tip ta' data, u b'hekk itejbu b'mod sinifikanti l-kapaċità taż-żona Schengen li tiġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità serja.

### **Iċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026: koordinazzjoni aktar mill-qrib fl-azzjoni esterna ta' Schengen**

Id-dimensjoni globali ta' Schengen għandha wkoll rwol kruċjali fil-ġlieda kontra **t-tattiċi ta' destabilizzazzjoni** użati madwar id-dinja, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' rivalità ġeopolitika, bħal dawk impjegati mir-Russja. Il-qafas ta' Schengen jippermetti lill-UE taġixxi b'mod kollettiv, pereżempju billi tiegħu miżuri skont il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża u billi tiġbor flimkien ir-riżorsi, b'mod partikolari tal-aġenziji tal-UE, biex tiġġieled it-theddid kritiku. Fl-istess ħin, l-UE tista' timpenja ruħha għal approċċ koordinat lejn pajjiżi terzi, inkluż għal proċeduri li jawtorizzaw id-dħul fiż-żona Schengen<sup>29</sup>.

Fl-2024, il-Kummissjoni analizzat l-implimentazzjoni tal-linji gwida maħruġa fit-30 ta' Settembru 2022 rigward il-ħruġ ġenerali ta' viżi għall-applikanti Russi. Il-valutazzjoni turi li azzjoni konġunta wasslet għal tnaqqis ġenerali sostanzjali fl-għadd ta' viżi ta' Schengen maħruġa lil ċittadini Russi, minn aktar minn 4 miljun viża maħruġa fl-2019 għal 0.5 miljun fl-2023. Madankollu, għad hemm prattiki diverġenti fost il-pajjiżi ta' Schengen, li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-UE. Xi pajjiżi għadhom joħorġu għadd kbir ta' viżi turistiċi lil ċittadini Russi, u dan idgħajjef l-isforzi kollettivi biex tissaħħaħ is-sigurtà. Għalhekk, huwa essenzjali li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni konsistenti ta' azzjoni koordinata dwar pajjiżi terzi madwar il-pajjiżi ta' Schengen, kif diskuss mill-Kunsill ta' Schengen f'Marzu 2025.


<sup>28</sup> Pereżempju, f'Marzu 2025, l-UE u l-Brażil iffirmaw ftehim li jsaħħaħ is-sħubija bejn l-Europol u l-infurzar tal-liġi Brażiljan, li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali.

<sup>29</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 1. Li taġġorna l-linji gwida dwar il-ħruġ ġenerali ta' viżi fir-rigward ta' applikanti Russi wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1500 tad-9 ta' Settembru 2022 dwar is-suspensjoni totali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa u 2. Li tipprovdi linji gwida dwar il-kontrolli taċ-ċittadini Russi fil-fruntieri esterni (C(2022) 7111 final).

## 4.2. Sigurtà aktar b'saħħitha għan-nies permezz ta' ġestjoni robusta tal-fruntieri u ritorni aktar effettivi

**Il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri** ta' kwalità għolja hija pedament tas-suċċess taż-żona Schengen. Fl-2024, iż-żona Schengen kienet għal darb'oħra d-destinazzjoni l-aktar popolari mal-viżitaturi fid-dinja, b'40 % tal-ivvjaġġar internazzjonali globali jasal mal-fruntieri esterni tagħha. Dan il-volum sinifikanti ta' passiġġieri ġie ġestit b'mod effettiv permezz tax-xogħol ta' kuljum ta' aktar minn 120 000 membru tal-persunal tal-gwardja Ewropea tal-fruntiera u tal-kosta, għalkemm l-ammont kbir ta' xogħol joħloq sfidi kbar għall-awtoritajiet.

Fl-istess ħin, il-kunflitti ġeopolitiċi u ta' sigurtà kienu xprun tal-flussi migratorji, li komplika jikkompjika l-ġestjoni tal-fruntiera esterna ta' Schengen, inklużi tattiki biex il-migrazzjoni tintuża bħala arma għal skopijiet politiċi. L-isforzi intensifikati tal-UE, pereżempju permezz ta' sħubijiet imsaħħa ma' pajjiżi terzi, irriżultaw fi **tnaqqis** sinifikanti fil-qsim irregolari tal-fruntieri. Fil-2024 ġew irreġistrati madwar 240 000 detezzjoni, l-aktar livell baxx mill-2021<sup>30</sup>.



*Qsim irregolari tal-fruntieri lejn l-UE (Frontex)*

Minbarra l-kwistjoni ta' fluss għoli ta' passiġġieri, inklużi dawk li jippruvaw jevitaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, il-fruntieri esterni tal-UE huma esposti għal theddid dejjem akbar u aktar kumpless għas-**sigurtà**. Il-vjolenza li għaddejjja fis-Saħel qed tixpruna l-ispostament u toħloq art fertili għall-gruppi terroristiċi biex isaħħu n-networks tagħhom, bil-merċenarji Russi potenzjalment jaggravaw l-ispirali tal-vjolenza u jiffaċilitaw l-isforzi ta' rekrutaġġ tal-ġiħadisti<sup>31</sup>. Bl-istess mod, il-kriżijiet reġjonali barra mill-UE joħolqu effett kollaterali, li jipprovdi motivazzjoni ġdida għall-atturi terroristiċi fl-ispettru ideoloġiku kollu biex jirreklutaw, jimmobilizzaw jew jibnu l-kapaċitajiet tagħhom<sup>32</sup>. Filwaqt li dan it-theddid bħalissa jidher li huwa aktar lokali jew reġjonali fin-natura tiegħu, xorta jeħtieġ vigiľanza mill-qrib fil-fruntieri esterni biex jiġi evitat ir-ritorn lejn l-UE ta' ġellieda terroristi barranin u jiġi mmitigat ir-riskju tat-terroriżmu. Il-fruntieri esterni għadhom ukoll vulnerabbli quddiem il-kuntrabandu ta' oġġetti illeċiti bħal drogi u armi tan-nar, li jistgħu jixprunaw il-kriminalità organizzata.

Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE hija responsabbiltà kondiviża tal-pajjiżi ta' Schengen u tal-UE. F'konformità mal-mandat tagħha, **il-Frontex** tibqa' ttiprovdi appoġġ ewlieni għall-

<sup>30</sup> Data tal-Frontex (l-14 ta' Jannar 2025). [Il-qsim irregolari tal-fruntieri fl-UE naqas drastikament fl-2024](#).

<sup>31</sup> Analiżi tar-riskju strateġiku tal-2024 minn Frontex. [Strategic Risk Analysis 2024 Report.pdf](#)

<sup>32</sup> COM(2025) 148 final.

ġestjoni tal-fruntieri b'aktar minn 2 600 uffiċjal tal-korp permanenti u assi tekniċi skjerati fl-Istati ta' Schengen u f'pajjiżi terzi. Fl-2024, il-Frontex bdiet tnedi l-kunċett operazzjonali u l-istruttura ta' kmand ġodda tagħha, li se jiżguraw li l-iskjeramenti jkunu jistgħu jirrispondu b'mod aktar rapidu u flessibbli għas-sitwazzjoni operazzjonali. Filwaqt li tibni fuq il-progress sostanzjali li sar f'dawn l-aħħar snin u biex tissodisfa l-ħtiġijiet kontinwi, il-Kummissjoni se taħdem biex issaħħaħ l-Aġenzija, inkluż billi tipprovdiha b'teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku għas-sorveljanza u l-għarfien tas-sitwazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li l-pajjiżi ta' Schengen ikomplu jikkontribwixxu għall-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fi żmien debitu, b'mod partikolari fejn jidħlu persunal u assi. Barra minn hekk, biex tkompli ssaħħaħ is-sigurtà tal-fruntieri u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE fid-dawl tat-theddid li qed jevolvi, is-sena d-dieħla l-Kummissjoni se tipproponi li ssaħħaħ il-Frontex.

Minbarra li jiġi żgurat li l-Frontex tkun mgħammra bir-riżorsi li teħtieġ biex tappoġġa operazzjonijiet konġunti fuq il-post, huwa kruċjali li l-pajjiżi ta' Schengen jintensifikaw l-isforzi tagħhom, peress li għad hemm lakuni sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-prattiki ta' ġestjoni tal-fruntieri.


**Il-kontrolli fil-fruntieri** huma affettwati b'mod partikolari minn dawn il-lakuni fl-implimentazzjoni. L-evalwazzjonijiet ta' Schengen juru li kważi nofs il-pajjiżi kollha ta' Schengen jiffaċċjaw nuqqasijiet relatati mar-riżorsi umani, it-taħriġ, l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll fil-fruntieri u kwistjonijiet tekniċi li jaffettwaw il-funzjonalità tat-tagħmir tal-IT, b'mod partikolari meta jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Il-persistenza ta' dawn in-nuqqasijiet tirrappreżenta lakuna fis-sigurtà għaż-żona Schengen u għalhekk il-Kummissjoni se taħdem mal-pajjiżi ta' Schengen biex teżamina r-raġunijiet għan-nuqqas ta' progress. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress f'dan il-qasam lill-Kunsill ta' Schengen matul iċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026.

Fejn tidħol **is-sorveljanza tal-fruntieri**, xi pajjiżi ta' Schengen esposti għal theddid akbar għas-sigurtà minħabba r-riskju għoli ta' traffikar tad-droga minn pajjiżi terzi u żieda fil-migrazzjoni, jidher li għandhom nuqqasijiet kbar. Dawn il-vulnerabbiltajiet jaffettwaw primarjament is-sorveljanza tal-fruntieri tal-baħar. Matul l-aħħar sena, l-UE allokat fondi addizzjonali li jammontaw għal EUR 378 miljun, skont l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi biex tappoġġa lill-pajjiżi ta' Schengen fit-tiħiħ tal-infrastruttura u l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tagħhom. Il-Kummissjoni tappella lill-pajjiżi ta' Schengen biex jaċċelleraw l-azzjoni biex jiżguraw li l-fondi jkunu diretti lejn oqsma bl-aktar ħtiġijiet urġenti u biex jottimizzaw l-użu tat-teknoloġija disponibbli.

Ġestjoni aktar effettiva tal-fruntieri esterni jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn miżuri effettivi għar-**ritorn** ta' dawk mingħajr dritt legali li jibqgħu fl-Istati Membri. Il-vjaġġaturi li jidħlu għal soġġorni qosra jew twal iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tas-sigurtà u jissodisfaw b'mod diliġenti r-rekwiżit li jitolqu miż-żona Schengen fil-perjodu ta' żmien stabbilit. Jekk le, iż-żona Schengen għandha sett ta' regoli minimi komuni li jirregolaw ir-ritorn ta' persuni mingħajr dritt ta' soġġorn, inklużi persuni li jevitaw proċeduri ta' dħul legali. Ladarba s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tkun operattiva, din se ssaħħaħ l-infurzar billi ttejjeb id-detezzjoni ta' persuni li jibqgħu fit-

territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, peress li dawn jirrapreżentaw sehem sinifikanti ta' vjaġġaturi mingħajr dritt ta' soġġorn u li għandhom jirritornaw.

Fl-2024, l-għadd ta' ritorni effettivi żdied bi kważi 12 % meta mqabbel mal-2023, u kważi laħaq iċ-ċifra ta' 123 400, kontribut sostanzjali minħabba ż-żieda sinifikanti fl-appoġġ lill-Frontex. F'dik is-sena, il-Frontex għenet lill-pajjiżi ta' Schengen biex jirritornaw aktar minn 56 000 persuna, żieda ta' 43 % fuq is-sena ta' qabel. Ir-ritorni volontarji komplew jiżdiedu wkoll, minn 54 % fl-2023 għal 64 % tar-ritorni fl-2024.



Minkejja din ix-xejra pożittiva, **l-effettività tas-sistemi nazzjonali ta' ritorn** għadha sfida sinifikanti fiż-żona Schengen kollha, hekk kif persuna waħda (1) biss minn kull 5 li huma obligati jirritornaw fil-fatt tagħmel dan. Mill-inqas nofs il-pajjiżi kollha ta' Schengen għadhom qed jiffaċċjaw diffikultajiet serji fit-twettiq ta' ritorni, diffikultajiet li huma partikolarment evidenti f'pajjiżi b'ammont ogħla ta' każijiet ta' ritorn.

L-użu ta' allerti komuni fis-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi meħtieġa li jtitilqu miż-żona Schengen ikkontribwixxa għal ritorni aktar effettivi, b'titjib notevoli fil-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Madankollu, is-sistema għadha mhix utillizzata biżżejjed bħala għodda konġunta biex jiġu identifikati n-nies u jiġu appoġġati l-isforzi ta' ritorn, peress li f'għadd ta' pajjiżi ta' Schengen l-għadd ta' allerti ta' ritorn maħluqa huwa 60 % inqas mill-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa. Dan ifisser li jista' jkun hemm persuni ripatrijati li jkunu ħarbu, iżda ma jkun hemm l-ebda informazzjoni fis-sistema biex jiġi żgurat ir-ritorn tagħhom. Barra minn hekk, fl-2024, xi pajjiżi ta' Schengen ma inkludew il-marki tas-swaba' fl-ebda allert ta' ritorn, u ħafna ma inkludewx dokumenti tal-identità u ritratti, anke meta kienu disponibbli. Dan jeħtieġ azzjoni urġenti fil-livell nazzjonali.

Biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw theddida għas-sigurtà, il-Koordinatur tar-Ritorn tal-UE pprovda gwida dwar l-użu ta' allerti ta' ritorn fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u fuq il-“marka tas-sigurtà”, abbażi tal-prattiki tal-Istati Membri.

### Evalwazzjoni tematika tal-2024 għal ritorni aktar effettivi

Biex tappoġġa s-sistema Ewropea ta' ritorn, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tematika ta' Schengen fejn tidħol l-effettività tas-sistema ta' ritorn. Hija identifikat

progress fl-iżvilupp ta' sistemi nazzjonali ta' ritorn iżda żvelat ukoll li s-sitwazzjoni hija kumplessa, b'oqfsa u proċeduri legali nazzjonali li jvarjaw minn pajjiż ta' Schengen għal ieħor, u dan idgħajjef l-effettività ġenerali tal-UE.

L-ewwel nett, in-nuqqas ta' analiżi tar-riskju għall-antiċipazzjoni tal-fluttwazzjonijiet fil-volum ta' każijiet ta' ritorn ma jippermettix li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jieħdu miżuri ta' tħejjija, inkluż l-ippjanar integrat tar-riżorsi, b'mod partikolari għall-ippjanar ta' kontinġenza. It-tieni, għall-pajjiżi ta' Schengen huwa ta' sfida li jiżguraw proċess ta' ritorn bla xkiel minħabba ineffiċjenzi li jaffettwaw l-istadji ewlenin inkluż is-sistema ta' appelli, l-identifikazzjoni effettiva ta' qabel ir-ritorn u l-monitoraġġ suffiċjenti tal-konformità ma' obbligu ta' ritorn. It-tielet, l-implimentazzjoni operazzjonali ta' allerti ta' ritorn fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, mill-awtoritajiet nazzjonali kollha, jeħtieġ li tissaħħa biex jinkiseb teħid ta' deċiżjonijiet aktar effettiv fil-proċeduri ta' ritorn.

Biex jindirizzaw dawn l-isfidi, il-pajjiżi ta' Schengen jistgħu jużaw firxa wiesgħa tal-**aħjar Prattiki** identifikati. Pereżempju, xi pajjiżi (in-Netherlands, in-Norveġja) daħħlu fis-seħħ ċikli integrati ta' ppjanar u kontroll għall-awtoritajiet kollha involuti fil-proċess ta' ritorn, li jippermettu koordinazzjoni regolari u jiżguraw allokkazzjoni ottimali tar-riżorsi. Barra minn hekk, deher li huwa ta' benefiċċju l-użu ta' għodod tal-IT għall-ġestjoni tal-każijiet li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali bejn awtoritajiet differenti (l-Awstrija, l-Estonja, in-Netherlands, in-Norveġja). Daqstant importanti huma Prattiki li jagħtu prijorità lill-konsulenza dwar ir-ritorn bħala pass ewlieni f'kull proċedura ta' ritorn, imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni rimpatrijati (l-Awstrija, il-Bulgarija, in-Netherlands, in-Norveġja), li jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-effettività ġenerali tar-ritorni.

Ma jistax ikun li l-affarijiet jibqgħu kif inhuma. Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet qafas legali ġdid għar-ritorni<sup>33</sup> u tistieden lill-koleġiżlaturi jagħmlu progress rapidu fin-negozjati. Wasal iż-żmien li nimxu lil hinn mis-soluzzjonijiet frammentati u nagħmlu progress fir-rikonossiment u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' xulxin, flimkien mal-ġbir flimkien tar-riżorsi nazzjonali u Ewropej meħtieġa b'mod li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd, filwaqt li nirrikonossu l-vantaġġi ta' xulxin fil-kontribut għall-interess ġenerali Ewropew. Sakemm jintlaħaq ftehim u jiġi applikat il-qafas leġiżlattiv il-ġdid dwar ir-ritorni, il-Kummissjoni tappella lill-pajjiżi ta' Schengen biex jimplimentaw bla dewmien ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-ewwelwazzjoni tematika biex jagħmlu l-aħjar użu mill-oqfsa eżistenti u biex jagħtu riżultati aħjar u aktar rapidi.

### 4.3. Livell għoli ta' azzjoni koordinata fiż-żona Schengen

Livell għoli ta' għarfien tas-sitwazzjoni b'mod partikolari fil-fruntieri esterni huwa prerekwiżit fundamentali għat-tħejjija f'xenarju ta' sigurtà li qed jevolvi. Il-qafas tal-UE diġà joffri għodod robusti għall-**għarfien tas-sitwazzjoni u l-analiżi tar-riskju**, bħall-EUROSUR imfassla biex

<sup>33</sup> COM/2025/101 final.

itejbu l-ġestjoni tal-fruntieri esterni billi jintegraw l-informazzjoni fil-livelli nazzjonali u tal-UE, inklużi immaġnijiet bis-satellita, sistemi ta' informazzjoni u applikazzjonijiet ta' rapportar biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni fil-fruntieri tal-UE. Madankollu, madwar 50 % tal-pajjiżi ta' Schengen għadhom jiffaċċjaw nuqqasijiet kbar, spiss marbuta ma' nuqqas ta' persunal imħarreġ u kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-aġenziji, li jnaqqsu l-potenzjal ta' dawn l-ġhodod. Biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati u tipprovdi lill-pajjiżi ta' Schengen u lill-Frontex bi gwida prattika dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-EUROSUR, f'Jannar 2025 il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-Manwal tal-EUROSUR<sup>34</sup>.

Fiċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026, huwa meħtieġ li wieħed jibni fuq l-isforzi eżistenti u jinżamm vantaġġ fuq it-theddid emerġenti billi jinżamm fehim ċar tal-iżviluppi fuq il-post. Dan jirrikjedi l-massimizzazzjoni tal-użu tal-ġhodod disponibbli bħall-EUROSUR, u l-implimentazzjoni ta' approċċ analitiku aktar robust u integrat, bl-involvement attiv tal-aġenziji tal-UE.

**L-iskambju rapidu u effettiv ta' informazzjoni** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jibqa' wieħed mill-aktar ġhodod b'saħħithom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità. Sa tmiem l-2024, il-pajjiżi kollha ta' Schengen kienu obbligati jitrassponu r-regoli l-ġodda tad-Direttiva dwar l-iskambju ta' Informazzjoni<sup>35</sup> fis-sistemi nazzjonali tagħhom biex jiżguraw komunikazzjoni bla xkiel u kkoordinata. Ħdax-il pajjiż ta' Schengen għadhom ma nnotifikawx it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva<sup>36</sup> u sebgħa nnotifikaw biss traspożizzjoni parzjali. Diversi pajjiżi għadhom ma ħolqux punt uniku ta' kuntatt funzjonali konness ma' sistema interoperabbli ta' ġestjoni tal-każijiet. Dan id-dewmien ipoġġi lil kulħadd f'riskju. Hemm ħtieġa urġenti li l-pajjiżi kollha jlestu l-implimentazzjoni legali u teknika sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkun jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni malajr.

Il-funzjonalitajiet imtejba tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, b'mod partikolari **s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**, għad iridu jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom fit-tisħiħ tas-sigurtà. Barra minn hekk, ħafna Stati ta' Schengen għadhom jiffaċċjaw sfidi fl-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet kritiċi fil-fruntiera esterna bħat-tfittxijiet tal-marki tas-swaba' meta jużaw **is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża**. Dawn id-diffikultajiet, l-aktar minħabba nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti, ifissru li dawn l-ġhodod mhumiex utilizzati biżżejjed b'mod sinifikanti u għad hemm lakuni kritiċi fis-sigurtà. Mingħajr investimenti mmirati u impenn sod biex is-Sistemi ta' Informazzjoni ta' Schengen u tal-Viża jitħaddmu bis-sħiħ, il-potenzjal tagħhom li jservu bħala pilastru robust u affidabbli tas-sigurtà għadu mhux sfruttat.

<sup>34</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17.1.2025 li tistabbilixxi l-manwal prattiku għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-EUROSUR ("il-Manwal tal-EUROSUR"), C(2025) 117 final.

<sup>35</sup> Id-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. ĠU L 134, 22.5.2023, p. 1–24.

<sup>36</sup> FI-31 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur billi bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil 18-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja).

Flimkien mal-fatt li l-iskambju ta' informazzjoni bla xkiel isir realtà, u biex jiġu kkomplementati l-miżuri tal-fruntieri esterni tagħna, hemm bżonn ta' **kooperazzjoni strutturata u effettiva dwar l-infurzar tal-liġi operazzjonali transfruntiera**.

Id-diskussjonijiet li saru mill-Koordinatur ta' Schengen fiċ-Ċiklu ta' Schengen 2023-2024 kif ukoll iż-żjarat reċenti ta' evalwazzjoni ta' Schengen f'xi pajjiżi ta' Schengen (iċ-Ċekja, il-Kroazja, l-Ungerija u s-Slovakkja) enfasizzaw li l-kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari fiż-żoni reġjonali u tal-fruntiera, tjiebet b'mod sinifikanti matul is-sena li għaddiet. Fl-2024, ġew imġedda diversi ftehimiet bilaterali u multilaterali biex jgħinu lill-awtoritajiet jittraduċu dawn l-għanijiet ta' kooperazzjoni f'azzjoni fuq il-post, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-eżerċitar ta' setgħat tal-pulizija u setgħat pubbliċi oħra fir-reġjuni tal-fruntiera, kif previst fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut.

Matul l-aħħar sena, kien hemm ukoll enfasi dejjem akbar fuq l-implimentazzjoni ta' għodod aktar strateġiċi li jadottaw approċċ li jieħu f'kunsiderazzjoni rotta sħiħa, li jmur lil hinn mill-indirizzar tar-riskji immedjati li jimmaterializzaw fir-reġjuni tal-fruntieri interni biex jiġi indirizzat it-theddid fil-fruntieri esterni. Fl-2024, l-inizjattiva reġjonali ta' Schengen bejn l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Greċja, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja kompliet tissaħħa. Issa tinkludi miżuri fil-fruntiera bejn il-Bulgarija u t-Turkija biex jiġi evitat it-theddid b'mod aktar effettiv qabel ma jaslu fiż-żona Schengen. Bl-istess mod, il-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja huma mistennija jimplementaw pattulji konġunti tul il-fruntiera tagħhom mal-Bożnija-Herzegovina, u b'hekk isaħħu l-kooperazzjoni reġjonali.

Dawn l-iżviluppi pożittivi jikkonfermaw il-potenzjal tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/915 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi<sup>37</sup> u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2023 dwar miżuri alternattivi għall-kontrolli fil-fruntieri interni<sup>38</sup>. Il-pajjiżi ta' Schengen żviluppaw b'mod konġunt haġfa prattiki ġodda, inklużi għases tal-pulizija konġunti u analiżijiet tar-riskju konġunti transfruntiera regolari biex ifasslu aħjar l-operazzjonijiet konġunti. Barra minn hekk, diversi pajjiżi qed jistabbilixxu l-proċedura ta' trasferiment introdotta permezz tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut<sup>39</sup>, li għandha l-għan li tiffaċilita t-trasferiment dirett ta' migranti irregolari fil-fruntieri interni, b'arranġamenti għaddejnin biex tiġi żgurata l-applikazzjoni prattika tagħha. Il-Kummissjoni tappella lill-pajjiżi ta' Schengen biex jaħdmu mill-qrib mal-ġirien tagħhom, speċjalment fejn ġew mill-ġdid introdotti il-kontrolli tul il-fruntiera interna, biex jiżviluppaw inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni u biex jippermettu lill-vjaġġaturi jaqsmu l-fruntieri interni mingħajr xkiel.

Fl-istess ħin, għad hemm potenzjal mhux sfruttat għall-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi peress li l-approċċi nazzjonali jvarjaw b'mod sinifikanti u mhux dejjem jitqiesu u jiġu implimentati b'mod strateġiku. Filwaqt li ġew żviluppanti inizjattivi u prattiki ġodda, dawn

<sup>37</sup> ĠU L 158, 13.6.2022, p. 53–64.

<sup>38</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23.11.2023 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' theddid serju għas-sigurtà interna u l-ordni pubbliku fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. ĠU L, 2024/268, 17.01.2024.

<sup>39</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1717 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (ĠU L, 2024/1717, 20.6.2024).

mhumieq replikati b' mod uniformi fiż-żona Schengen kollha u f'haġna każijiet ma jittqisux b'haġna parti mis-sett usa' ta' għodod tas-sigurtà li għandha Schengen. Hemm interess komuni biex jissaħħu l-isforzi nazzjonali u jiġu sfruttati bis-siġħ il-benefiċċji ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib. Dan se jgħin ukoll biex jiġi indirizzat it-tfixkil fil-fruntieri interni u jiġi żgurat il-funzjonament korrett tal-qsim tal-fruntieri tul in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).

L-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-2024 ikkonfermaw li haġna pajjiżi ta' Schengen għad m'għandhomx il-qafas legali biex jimplementaw kooperazzjoni transfruntiera effettiva, peress li diversi ftehimiet għadhom skaduti. Hemm ukoll ostakli operazzjonali f'xi pajjiżi, b'haġna limitazzjonijiet biex jitwettaq monitoraġġ mobbli suffiċjenti jew limitazzjonijiet legali biex il-pulizija tirċievi data dwar il-passiġġieri mill-operaturi tal-laneċ. Dawn irriżultaw f'xi każijiet fl-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, meta f'haġna każijiet, jistgħu jinkisbu l-istess riżultati, spiss b' mod aktar effettiv u effiċjenti, bl-użu tas-setgħat nazzjonali tal-pulizija.

Il-miżuri ta' rimedju huma partikolarment urġenti għall-pajjiżi ta' Schengen li jkunu nnotifikaw l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, peress li jikkostitwixxu deroga mill-prinċipji sottostanti tal-kooperazzjoni ta' Schengen. Fis-sitwazzjoni kif kienet f'April 2025, hemm **għaxar pajjiżi ta' Schengen** li introduċew mill-ġdid jew estendew **il-kontrolli fil-fruntieri interni**.

Fl-10 ta' Lulju 2024, daħal fis-seħħ il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut. Dan jinkludi qafas aġġornat għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni, bi skadenzi aktar ċari u obbligi ta' monitoraġġ u rapportar aktar stretti għall-pajjiżi ta' Schengen u għall-Kummissjoni. Id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut huwa kkunsidrat b'haġna l-bidu tal-qafas legali l-ġdid, li jfisser li l-iskadenzi u l-obbligi skont il-Kodiċi l-ġdid se jiġu kkalkulati miż-żmien tal-ewwel notifika mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Il-Kummissjoni adottat mudelli għan-notifiki u r-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri meta jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni.

Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib l-azzjonijiet tal-pajjiżi ta' Schengen, billi tinvolvi ruħha fi djalogu strutturat mal-Istati Membri kollha kkonċernati biex tidentifika kwalunkwe lakuna jew inkonsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda, inklużi l-prattiki ta' trasferiment fil-fruntieri interni. Il-valutazzjonijiet li għaddejjin b'haġna għandhom b'haġna l-objettiv tagħhom li jiżguraw li kwalunkwe miżura implimentata tkun kemm proporzjonata kif ukoll meħtieġa; u t-tieni, li jiġi ggarantit li n-notifiki għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni jkunu strettament limitati għal każijiet ġenwini u ġustifikati, b' mod partikolari f' sitwazzjonijiet fejn il-miżuri inkwistjoni sempliċement isaħħu l-isforzi ta' kooperazzjoni tal-pulizija.

Il-Kummissjoni tilqa' ż-żieda fil-kooperazzjoni operazzjonali, inkluż fil-livell reġjonali, u trawwem aktar inizjattivi, b'haġna-eżerċizzju tas-setgħat tal-pulizija f'żoni tal-fruntiera li huma għodod b'saħħithom biex jindirizzaw it-tħassib leġittimu tal-Istati Membri dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tirrispetta l-prinċipji tal-moviment liberu u s-sigurtà fiż-żona Schengen kollha u se tagħmel segwitu kif meħtieġ fiċ-ċiklu ta' Schengen li jmiss, inkluż bil-ħruġ ta' opinjonijiet kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut.

## 5. Il-prijoritajiet taċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026

Il-benefiċċji li ż-żona Schengen gábet għan-nies fl-UE bilkemm setgħu jiġu immáginati meta l-ħames Stati Membri fundaturi ffirmaw il-Ftehim ta' Schengen 40 sena ilu. Maż-żmien, Schengen evolva f'sistema robusta u komprensiva, li timmaniġġja b'mod effettiv il-fruntieri esterni, is-sigurtà u l-migrazzjoni b'mod koordinat b'rispett sħiħ tal-valuri Ewropej u d-drittijiet fundamentali.

Biex iżżomm u tibni fuq dawn il-kisbiet, iż-żona Schengen teħtieġ atenzjoni u impenn kontinwi. Erbgħin sena wara li Schenge ġie stabbilit, huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li x-xenarju ġeopolitiku u ta' sigurtà nbidel u li għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-pedamenti ta' Schengen ikunu reżiljenti biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi futuri. Bil-proċess tat-tkabbir tal-UE li għaddej bħalissa, din hija prijorità għall-Kummissjoni.

**Fiċ-ċiklu ta' Schengen 2025-2026**, hemm bżonn li tissaħħaħ l-azzjoni fi tliet oqsma ewlenin. L-ewwel nett, huwa essenzjali li jiġi kkonsolidat **il-qafas ta' governanza** biex tissaħħaħ **il-koordinazzjoni tal-politika**. Dan jipprovdi opportunitajiet sinifikanti biex jiġi adottat approċċ aktar strutturat, li jipprijoritizza l-implimentazzjoni effettiva, ir-responsabbiltà kondiviża u l-obbligu ta' rendikont ċar fil-livelli kollha.

Priorità 1: il-konsolidazzjoni tal-qafas ta' governanza li jibni fuq il-progress li sar matul l-aħħar sena u bil-ħsieb li jiġi implimentat approċċ aktar strutturat, iffukat fuq l-implimentazzjoni, ir-responsabbiltà kondiviża u l-obbligu ta' rendikont. Filwaqt li l-monitoraġġ tekniku jibqa' importanti, mhux biżżejjed u għalhekk huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-governanza politika biex jitmexxa 'l quddiem progress tanġibbli.

- **Fil-livell tal-UE**, dan jitlob li jiġi stabbilit qafas strutturat biex isegwi l-prijoritajiet, inkluża sorveljanza politika akbar. Il-Kummissjoni ser taħdem mill-qrib mal-Presidenti tal-Kunsill u l-pajjiżi ta' Schengen f'dan il-qasam.
- **Fil-livell nazzjonali**, il-pajjiżi ta' Schengen jeħtieġ li jkomplu jiżviluppaw sistemi ta' governanza nazzjonali effettivi b'koordinazzjoni interna aktar b'saħħitha tal-kwistjonijiet kollha relatati ma' Schengen. Il-pajjiżi kandidati tal-UE jeħtieġ ukoll li jiżviluppaw tali sistemi ta' governanza nazzjonali qabel l-adeżjoni biex iħejju għas-sħubija fiż-żona Schengen.

It-tieni, huwa meħtieġ approċċ strutturat u koerenti għas-**sigurtà**, li jirrikjedi kooperazzjoni aktar mill-qrib tal-pulizija. Minħabba l-limitazzjonijiet legali u operazzjonali persistenti, jeħtieġ li ssir aktar ħidma fil-livell Ewropew u nazzjonali biex tiżdied il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Approċċ komprensiv li jkopri l-firxa sħiħa ta' theddid għas-sigurtà jrid isir pilastru ċentrali tas-sistema ta' Schengen.

Priorità 2: approċċ strutturat u koerenti għall-kooperazzjoni tal-pulizija biex jiġi sfruttat il-potenzjal tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u l-mixja lejn inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali li japplikaw l-approċċ ta' rotta sħiħa.

- **Fil-livell tal-UE**, huwa meħtieġ segwitu għall-konklużjoni ewlenija tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija, li tiddikjara li “l-isfidi legali, tekniċi u operazzjonali persistenti jenfasizzaw il-limiti tar-rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti attwali”. Ser titnieda diskussjoni strateġika fil-livell tal-UE biex tiġi żviluppata viżjoni kondiviża.
- **Fil-livell nazzjonali**, il-pajjiżi ta’ Schengen jeħtieġ li jivvalutaw mill-ġdid l-inizjattivi ta’ kooperazzjoni eżistenti fid-dawl tad-dimensjoni usa’ tat-theddid, li jestendu lil hinn mill-ġirien immedjati u jeħtieġu rispons koordinat għall-isfidi tul ir-rota kollha. Dan jeħtieġ l-użu tal-għodod kollha ta’ kooperazzjoni transfruntiera, inkluż fir-reġjuni tal-fruntieri interni, f’konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen rivedut. Il-Koordinatur ta’ Schengen se jkompli jappoġġa l-ħidma għall-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inkluż billi jsawwar kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mill-pajjiżi kandidati tal-UE.

It-tielet, iridu jiġu aċċellerati l-isforzi biex jiġu ssodisfati l-wegħdiet tad-**diġitalizzazzjoni** bi stadji importanti ewlenin li għandhom jinkisbu fix-xhur li ġejjin biex jiġi żgurat li s-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ u s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ikunu kompletament fit-triq it-tajba biex jissodisfaw l-iskeda ta’ żmien il-ġdida. Huwa essenzjali li jiġi evitat kwalunkwe dewmien ulterjuri peress li dan iwassal għal kostijiet sinifikanti, inklużi vulnerabbiltajiet fis-sigurtà li jdumu, ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-fruntieri u opportunitajiet mitlufa biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-migrazzjoni.

Priorità 3: l-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri u tas-sistemi biex jiżiedu s-sigurtà u l-effiċjenza fil-fruntieri esterni tal-UE u fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

- **Fil-livell tal-UE**, dan jitlob monitoraġġ politiku qawwi tal-konformità mal-istadji importanti u l-iskeda ta’ żmien riveduta. Fl-istess ħin, iridu jkomplu d-diskussjonijiet strateġiċi dwar il-qafas usa’ tad-diġitalizzazzjoni biex jiġu indirizzati l-lakuni fis-sigurtà u fl-effiċjenza, inkluż dwar is-sigurtà tad-dokumenti, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u r-ritorn.
- **Fil-livell nazzjonali**, il-pajjiżi ta’ Schengen għandhom jagħmlu użu aħjar mill-għodod eżistenti, b’mod partikolari s-Sistemi ta’ Informazzjoni ta’ Schengen u tal-Viża. Il-pajjiżi ta’ Schengen iridu jstabbilixxu t-tagħmir, il-proċessi u s-sistemi biex jippermettu l-introduzzjoni f’waqtha u effettiva tal-qafas tal-interoperabbiltà, b’mod partikolari s-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ, is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, l-Eurodac u s-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill ta’ Schengen biex japprova dawn il-prijoritajiet fil-laqgħa tiegħu li jmiss f’Ġunju 2025. Il-prijoritajiet u l-kunsiderazzjonijiet li tressqu għal dan iċ-ċiklu ġdid ta’ Schengen għandhom ukoll jiffurmaw il-bażi għal aktar djalogu politiku kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f’dak Ewropew, inkluż kemm fil-Parlament Ewropew kif ukoll fil-Kunsill.